Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10922 – INTERPARKING SERVIZI / GKSD / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 390/06)

1. Fit-3 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Interparking Servizi S.r.l. ("Interparking", l-Italja), ikkontrollata minn Ageas Group,

— GKSD S.r.l., ("GKSD", l-Italja), ikkontrollata minn GK Group.

Interparking u GKSD se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' impriża bi sħab (joint venture, JV) maħluqa ġdida (il-"JV").

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma li ġejjin:

— Interparking hija attiva fil-ġestjoni ta' parkeġġi bi ħlas fl-Italja.

— GKSD tipprovdi servizzi ta' ġestjoni u konsulenza tal-proġetti f'firxa ta' setturi inklużi l-kura tas-saħħa, il-kostruzzjoni, il-monitoraġġ, il-konsulenza, il-valutazzjoni tal-assikurazzjoni u konsulenza legali dwar it-taxxa. GKSD bħalissa hija attiva biss fl-Italja.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JV li għadha kif twaqqfet se jkunu dawn li ġejjin: il-JV se tiġġestixxi u tisfrutta parkeġġ mibni reċentement li jinsab fiż-żona ta' Milan u li bħalissa huwa proprjetà ta' Policlinico San Donato S.p.A. ("PSD").

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10922 – INTERPARKING SERVIZI / GKSD / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' ħawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË